Qorti Civili, Prim'Awla
(Sede Kostituzzjonali)

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 35/2015AE

**Francis Abela**

**Vs**

**L-Avukat Generali**

It-Tnejn, 5 ta' Ottubru, 2015.

Permezz ta' rikors prezentat fit-28 ta' April 2015, l-attur ippremetta u talab:-

*1. Illi l-esponent instab hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz ta' sentenza moghtija fl-24 ta' Settembru 2013 li kkommetta fil-konfront ta' bintu Janice Abela d-delitt ta' korruzzjoni ta' minorenni, fejn gie kkundannat ghal sitt (6) snin prigunerija, liema sentenza giet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Jannar 2015;*

*2. Illi l-esponenti jissottometti illi huwa ma kellux smiegh xieraq ai termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ghas-segwenti ragunijiet:-*

*3. Illi huwa tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja mill-Ispettur Anthony Cassar nhar is-6 ta' Lulju 2003 fejn gie akkuzat illi f'numru 49, Triq Santa Marija, Bormla, b'diversi atti maghmulin minnu, fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda: (1) bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil bintu Janice Abela ta' l-eta' ta' hmistax-il seba, kontra l-volonta' taghha; (2) bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, billi, bi vjolenza ikkommetta tentattiv ta' stupru fuq il-persuna ta' l-istess bintu Janice ta' l-eta' ta' hmistax-il sena, liema attentat sar b'mezzi qarrieqa u li huwa nqeda bihom; (3) bi vjolenza u b'eghmil zieni, ikkorrompa lill-istess bintu Janice ta' hmistax-il sena li hija persuna ta' taht l-eta', liema delitt sar b'theddid u qerq, minn axxendent, mid-demm jew bi zwieg; (4) zamm ghandu diversi videos pornografici jew oxxena jew oggett iehor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen; u (5) wera dawn l-istess videos lill-istess bintu Janice;*

*4. Illi l-lanjanza tal-esponent tirrigwarda principalment il-mod ta' kif giet redatta c-citazzjoni li biha gie mressaq l-esponent senjatament in-nuqqas ta' indikazzjoni <u>taz-zmien</u> meta allegatament gew kommessi r-reati;*

*5. Fil-fatt ic-citazzjoni li biha gie mressaq bl-arrest l-esponenti taqra kif gej:-*

*"F'numru 49, Triq Santa Marija, Bormla, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda..."*

*6. Illi l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem hija fis-sens illi l-akkuzat ghandu jkun mgharraf minnufih u fid-dettall bil-fatti materjali tal-akkuzi li jkunu migjuba kontrih (ara fost ohrajn Kamsinski vs. Austria u Pellisier u Sassi vs. Franza). F'dan ir-rigward ic-citazzjoni ghandha rwol important u krucjali stante' illi dan huwa l-punt fejn l-akkuzat ikun*

*qiegħed jiġi nfurmat għall-ewwel darba b'mod formali u bil-miktub rigward l-imputazzjonijiet li jkun qiegħed jiġi akkużat bihom;*

*7. Illi għalhekk l-esponent jissottometti illi l-process ġudizzjarju li huwa għadda quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kemm bħala Istruttorja sussegwentement bħala Qorti Ġudikatura Kriminali, kif ukoll fil-Qorti tal-Appelli Kriminali kien leżiv għad-drittijiet fundamentali tiegħu hekk kif sanċiti fl-artikoli 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(3)(a) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem;*

*8. Illi l-esponenti jissottometti wkoll illi n-nuqqas ta' indikazzjoni ta' żmien fiċ-ċitazzjoni kien leżiv ukoll d-dritt għal smigħ xieraq fil-ġeneralita' tiegħu hekk kif sanċiti fl-artikoli 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u dan stante nuqqas ta' equality of arms bejn id-difiża u l-prosekuzzjoni;*

*9. Illi rigward il-prinċipju ta' "equality of arms" l-esponent jagħmel referenza għas-sentenza* ***Bulut vs Austria deċiża mill-Qorti ta' Strasbourg nhar it-22 ta' Frar 1996*** *"The Court recalls that under the principle of equality of arms, as one of the features of the wider concept of a fair trial, each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a disadvantage vis-a-vis his opponent (see the Dombo Beheer B.V.v. the Netherlands judgment of 27 October 1993, Series A no. 274, p. 19, para. 33). In this context, importance is attached to appearances as well as to the increased sensitivity to the fair administration of justice (see, mutatis mutandis, the Borgers v. Belgium judgment of 30 October 1991, Series A no. 214-B, p. 31, para. 24, and the authorities cited therein)";*

*10. Illi l-esponenti hawn jagħmel ampja referenza għall-artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta rigward iċ-ċitazzjoni:- "Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi car il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtiegu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressaq";*

*11. Illi dan l-artikolu tal-liġi kien interpretat mill-Qorti nostrana f'diversi sentenzi illi nuqqas ta' xi waħda mill-elementi msemmija fl-artikolu 360(2) ma jimportax in-nullita taċ-ċitazzjoni fosthom fis-sentenza fl-ismijiet il-****Pulizija –vs- Joseph Zahra deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Awwissu 2003,*** *għal liema sentenza saret ukoll referenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ in diżamina;*

*12. Illi f'każijiet oħra fejn iċ-ċitazzjoni minflok nuqqas ta' xi waħda mill-partikolaritajiet rigwardanti ż-żmien jew il-lok irriżulta illi kien hemm żball fiċ-ċitazzjoni ara fosthom il-****Pulizija –vs- Francesco sive Godwin Scerri deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta' April 2012****, fejn iċ-ċitazzjoni kienet inħarġet rigwardanti stupru li allegatament ġie mwettaq ġewwa l-Marfa u rriżulta li l-istupru ġie mwettaq ġewwa Santa Venera, il-Qorti ma sabitx diffikulta' tillibera lill-imputati stante illi ċ-ċitazzjoni ma ġietx korretta;*

*13. Illi dato ma non concesso illi n-nuqqas ta' xi wieħed mill-partikolaritajiet rigwardanti ż-żmien u l-lok imsemmija fl-artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jimportax in-nullita' taċ-ċitazzjoni, dan in-nuqqas ipoġġi lill-akkużat fi żvantaġġ sostanzjali sabiex iħejji d-difiża tiegħu. Dan qiegħed jingħad iżjed u iżjed għall-fatt illi l-prosekuzzjoni fil-mument illi tressaq persuna setgħet kienet taf jew messha kienet taf b'dawk id-dettalji mill-investigazzjoni li tkun ikkonduċiet. Iktar minn hekk, l-istess prosekuzzjoni kellha kull opportunita' illi titlob korrezzjoni f'tali ċitazzjoni sal-punt li jinħareġ ir-rinviju għall-ġudizzju mill-Avukat Ġenerali hekk kif spjegat b'mod car fis-sentenza indikata supra fl-ismijiet il-****Pulizija –vs- Francesco sive Godwin Scerri****;*

*14. Illi għalhekk l-akkużat ikun qiegħed jiġi mċaħħad miċ-ċertezza rigward l-akkużi li jkunu qegħdin jinġiebu kontrih, liema inċertezza timpinġi serjament fuq id-difiża tiegħu, fost oħrajn il-benefiċċju ta' ammissjoni bikrija u l-kontro-eżamijiet tax-xhieda;*

*15. Illi ghandu jinghad ukoll illi qabel ma l-akkuzat jitressaq quddiem il-Qorti, huwa ma jkollux access ghall-file tal-prosekuzzjoni. Dan ifisser illi l-unika informazzjoni li jkollu meta jitressaq quddiem il-Qorti ghall-ewwel darba huwa dak li jkun intqal lilu mill-Pulizija Ezekuttiva waqt l-interrogazzjoni u sussegwentement meta jittressaq formalment quddiem il-qorti c-citazzjoni. Filwaqt illi l-prosekuzzjoni jkollha l-vantagg illi tkun kellmet lill-partijiet kollha involuti;*

*16. Illi konsegwenza tal-premess, id-dritt fondamentali ta' l-esponent ghal smiegh xieraq u ghal access ghal Qorti gie lez.*

Ir-rikorrent talab li l-qorti:

*1. Tiddikjara li l-esponenti ma kellux smiegh xieraq minhabba r-ragunijiet premessi f'dan ir-rikors u dan ai termini tal-artikoli 39(1) u 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 6(1) u 6(3)(a) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;*

*2. Thassar u tannulla l-process gudizzjarju kollu li l-esponenti ghadda, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kemm bhala Qorti Istruttorja sussegwentement bhala Qorti Gudikatura Kriminali u kif ukoll fil-Qorti tal-Appell Kriminali;*

*3. Taghti dawk il-provvedimenti u ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex jigu sanciti u salvagwardjati d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tar-rikorrenti, u dan ai finijiet tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.*

Permezz ta' twegiba prezentata fit-13 ta' Mejju 2015, il-konvenut wiegeb:-

1. *Illi fl-ewwel lok, kif spiss jingħad f'dawn l-okkażjonijiet, qorti mogħnija b'setgħat kostituzzjonali m'għandhiex tiġi mibdula f'qorti tat-tielet jew raba' istanza. Tabilħaqq proċeduri kostituzzjonali mhumiex maħsuba biex iservu ta' appell minn sentenzi li jkunu għaddew in ġudikat;*

   *Il-kwistjoni mqanqla mir-rikorrent dwar is-siwi tal-imputazzjoni maħruġa mill-Pulizija hija materja ta' interpretazzjoni tal-liġi penali u mhux materja ta' bixra kostituzzjonali. Fuq kollox imbagħad, din il-kwistjoni tal-validità tal-imputazzjoni ġiet indirizzata kif jixraq mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar 2015. Għalhekk huwa tassew evidenti li f'dan il-każ ir-rikorrent qiegħed jipprova jaħbi l-ilment tiegħu bil-libsa kostituzzjonali meta dan ma huwa xejn għajr appell ġdid mill-apprezzament legali milħuq mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fil-fehma tal-intimat ilment bħal dan ma jistax jiġi mistħarreġ mil-lenti kostituzzjonali;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju, l-intimat sinċerament iħoss li l-ilment ewlieni tar-rikorrent dwar in-nuqqas ta' kjarezza fl-imputazzjoni m'għandux mis-sewwa. Qari tajjeb tal-imputazzjoni mill-ewwel jurik biex kien akkużat ir-rikorrent, jiġifieri li fid-dar numru 49 fi Triq Santa Marija ġewwa Bormla <u>fi żminijiet differenti</u>, iżda b'riżoluzzjoni waħda, ir-rikorrent (i) żamm b'mod illegali lil bintu minuri Janice Abela kontra l-volontà tagħha, (ii) prova jwettaq stupru fuq l-istess bintu, (iii) ikkorrompa bi vjolenza u b'għemil żieni lill-istess bintu, (iv) żamm materjal pornografiku u (v) wera dan l-istess materjal*

*pornografiku lill-bintu minuri Janice Abela. Tassew il-mod ta' kif inkitbet l-imputazzjoni ma jħalli l-ebda dubju fuq x'hiex kien qiegħed jiġi mixli r-rikorrent;*

3. *Illi għalkemm fl-imputazzjoni ma ġewx msemmija ż-żmien u l-ħin meta twettqu, dan ma jfissirx li l-akkużi kienu ambigwi jew inqas ċari. F'dan il-kuntest wieħed ma jridx jinsa li r-rikorrent ma kienx qiegħed jiġi mixli fuq reat li seħħ darba waħda iżda fuq reati li baqgħu jseħħu maż-żmien. Għalhekk peress li r-rikorrent kien akkużat b'reati li bagħqu għaddejjin ma kienx hemm l-obbligu li fl-imputazzjoni jissemma bi preċiżjoni d-dati u l-ħin meta dawn twettqu. Kienet tkun storja differenti li kieku r-rikorrent ġie akkużat b'reat instantanju li seħħ darba waħda biss;*

   *Kif tajjeb indikat il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha, "ir-reati fuq il-minuri seħħew mhux f'ġurnata u ħin wieħed iżda matul il-medda ta' perijodu ta' żmien u f'ħinijiet differenti. Għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi l-akkuża ma setgħetx tindika kull ħin u kull data partikolari għas-sempliċi fatt li dawk l-atti kienu saru fuq medda ta' żmien u f'ħinijiet differenti. Wieħed m'għandux ikun mistagħġeb u lanqas m'għandna nippretendu li l-minuri jiftakar 'per filo e per segno' dak li hu jkun issubixxa. Hawnhekk għandna indikazzjoni ta' perijodu ta' żmien li ma ġiex speċifikat bħala perijodu ta' żmien. Huwa minnu li l-inċidenzi tad-drabi differenti ħarġu mill-assjem tal-provi tal-istruttorja";*

4. *Illi l-intimat jisħaq li l-imputazzjoni maħruġa mill-Pulizija kienet għalkollox konformi ma' dak li jitolbu l-**artikolu 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 6(3)(a) tal-Konvenzjoni Ewropea,** għaliex din kienet mitkuba b'ilsien li jifhem ir-rikorrent u kien fiha spjegazzjoni dettaljata dwar in-natura u x-xorta tar-reati li r-rikorrent kien qiegħed mixli bihom;*

   *Appuntu f'dan il-każ ir-rikorrent ma ġiex misjub ħati dwar xi ħaġa li ma kinitx parti mill-imputazzjoni oriġinali. Hekk ukoll matul il-kawża n-natura tar-reati mixlija kontrih dejjem baqgħu l-istess. Għalhekk minn dan l-aspett l-ebda ksur ta' smigħ xieraq ma jista' jiġi stabbilit minħabba l-mod ta' kif ġew imfassla l-imputazzjonijiet;*

5. *Illi f'kull każ l-intimat ma jarax kif ir-rikorrent seta' ġie ppreġudikat fid-difiża tiegħu minħabba n-nuqqas ta' tismija tal-ħin u l-jum tal-kommissjoni tar-reati fl-imputazzjoni. F'dan is-sens ir-rikorrent ma fissirx fir-rikors kostituzzjonali tiegħu kif fil-konkret huwa ġie żvantaġġjat minħabba l-mod ta' kif inkitbet l-imputazzjoni. Għalhekk l-intimat ma jistax jifhem xi preġudizzju seta' sofra r-rikorrent għaliex fl-imputazzjoni kien hemm mitkub il-kliem 'fi żminijiet differenti;*

   *Minn dak li jirriżulta mill-proċess kriminali, ir-rikorrent kellu l-opportunità sħiħa li jħejji d-difiża tiegħu bl-għejun tal-avukat tiegħu u għalhekk huwa ma jistax jilmenta minn ebda ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq;*

6. *Illi magħdud ma' dan, peress li l-kawża kriminali kienet preċeduta minn kumpilazzjoni, allura l-provi nġabru fuq numru ta' seduti u għalhekk mill-provi mismugħa, partikolarment mix-xhieda ta' bintu Janice Abela, ir-rikorrent seta' faċilment jifhem iż-żmien, il-ħin u ċ-ċirkostanzi ta' kull imputazzjoni. Għalhekk meta r-rikorrent ġie biex jagħmel id-difiża tiegħu huwa kien jaf eżattament b'liema fatti kien qed jiġi imputat u liema kienu r-reati li kienu qegħdin jiġu adebbitati lilu;*

7. *Illi naturalment li kieku r-rikorrent ma kienx qiegħed jifhem in-natura u l-import tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, huwa mill-ewwel kien ħa jqanqal il-kwistjoni u mhux*

*iħalli kollox għaddej biex imbagħad iqajjimha biss fit-trattazzjoni finali. Il-verità hija li r-rikorrent kien qiegħed jifhem biex kien qiegħed jiġi akkużat u ddefenda ruħu minn dawn l-akkużi. Anke meta wieħed jaqra l-istqarrija li huwa kien ta lill-Pulizija, wieħed mill-ewwel jista' jintebaħ li r-rikorrent kien jaf eżattament għaliex huwa kien qiegħed jiġi mixli quddiem il-qrati kriminali;*

*Imma billi r-rikorrent kien jaf li huwa kien ħati tar-reati miġjuba kontrih, huwa prova joħroġ b'dan l-argument tal-validità tal-imputazzjoni biex jipprova jsib ix-xagħra fl-għaġina u jipprova joħroġ mill-qagħda prekarja li daħal fiha minħabba l-għemil żieni u ħażin tiegħu. Fil-fehma tal-intimat dawn il-proċeduri kostituzzjonali ma jistgħu jkunu ta' ebda wens għall-qagħda tiegħu;*

8. *Illi subordinatament ir-rikorrent lanqas m'għandu raġun meta jilmenta minn ksur tal-equality of arms. Apparti li r-rikorrent ma jispjegax b'mod konket b'liema manjiera huwa ġie suppost żvantaġġjat proċeduralment meta mqabbel mal-prosekuzzjoni, xorta jibqa' l-fatt, li anke li kieku stess, wieħed kellu joqgħod jifli l-proċess kriminali, wieħed minnufih jirrealizza li r-rikorrent fl-ebda mument tal-kawża ma ġie mċaħħad mill-possibilità ugwali li jipproduċi l-provi u li jagħmel id-deduzzjonijiet tiegħu għas-sostenn tad-difiża tiegħu;*

   *Tabilħaqq waqt il-proċeduri kriminali r-rikorrent kellu kull opportunità li jġib il-kontro-provi tiegħu u li jagħmel l-kontro-deduzzjonijiet tiegħu biex jegħleb dawk li ġew magħmula mill-prosekuzzjoni. Issa jekk huwa ma rnexxilux jikkonvinċi lill-qorti bl-innoċenza tiegħu, ma jistax issa f'din is-sede kostituzzjonali jiġi u jilmenta illi huwa ġie żvantaġġat jew li sofra xi mankanza tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża tiegħu biex b'hekk jipprova jeqleb il-verdett li nqata' kontrih;*

   *Jiġi b'hekk li anke dan il-parti tal-ilment tar-rikorrent mhuwiex ġustifikat u għandu jiġi mwarrab;*

9. *Illi fuq l-ilment l-ieħor tar-rikorrent li huwa ma ngħatax aċċess għall-fajl tal-pulizija dan huwa assolutament mingħajr ebda fondament ġuridiku jekk mhux ukoll fieragħ. Dan minħabba li ma jeżisti l-ebda tali jedd la taħt il-**Konvenzjoni Ewropea** u lanqas taħt il-**Kostituzzjoni ta' Malta**. Tabilħaqq l-akkużat jiġi pproċessat u ġġudikat fuq l-evidenza miġjuba quddiem il-Qrati u mhux fuq dak li jkun hemm fil-fajl tal-Pulizija. Fuq kollox imbagħad ir-rikorrent qatt ma talab biex huwa jkun jista' jara xi fajl tal-pulizija li jikkonċernah. Imma anke jekk stess, il-provi tal-Pulizija kontra r-rikorrent kienu dawk li ħarġu waqt il-proċeduri, provi li kollha nġiebu għall-għarfien tar-rikorrent u għalhekk seta' jiddefendi ruħu kontrihom;*

10. *Illi fl-aħħarnett dwar it-talba tar-rikorrent li jiġu mħassra s-sentenzi mogħtija mill-Qrati Kriminali, din assolutament m'għandhiex tiġi milqugħa. Azzjonijiet kostituzzjonali mhumiex qegħdin hemm biex jagħtu lill-ħati xi get out of jail free card. Kif ġie mtenni bosta drabi mill-Qrati Kostituzzjonali tagħna, il-jeddijiet fundamentali mhumiex maħsuba biex il-ħatja jaħarbu l-konsegwenzi ta' għemilhom;*

11. *Illi f'dan il-każ ir-rikorrent wettaq wieħed mill-aktar reati mistmerra li jistgħu jeżistu, dak li missier jabbuża minn bintu minorenni. Għalhekk mhuwiex xieraq li r-rikorrent jinqeda mill-proċedura kostituzzjonali biex jipprova joħloq formalità li n-nuqqas tagħha tagħtih mezz biex ixejjen sentenza tal-Qorti. Anzi b'kull rispett, l-intimat b'self mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Daniel Alexander Holmes vs. Avukat Ġenerali et** tas-16 ta' Marzu 2015, itenni li jkun oltraġġ għal-*

*liġi u avviliment tad-drittijiet fondamentali jekk is-sentenza kontra r-rikorrent titħassar għal din ir-raġuni;*

*Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-intimat umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

Il-qorti rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet.

L-ilment tar-rikorrent hu li ma kellux smiegh xieraq fil-kawza kriminali **Il-Pulizija vs Francis Abela** (404/2013) ghaliex fid-dokument li rrefera ghalih bhala 'citazzjoni' ma kienx hemm indikazzjoni taz-zmien meta twettqu r-reati li bihom gie akkuzat. Il-qorti rat l-atti tal-proceduri kriminali kollha. B'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Settembru 2013 ir-rikorrent instab hati li b'ghemil zieni kkorrompa lil bintu ta' hmistax-il sena. Il-qorti kkundannatu ghal sitt (6) snin prigunerija. B'sentenza tas-27 ta' Jannar 2015 il-Qorti tal-Appell Kriminali cahdet l-appell tar-rikorrent u kkonfermat is-sentenza tal-ewwel qorti.

Jirrizulta li l-ilment oggett tal-kawza tal-lum diga' gie trattat u deciz quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. L-argument tar-rikorrent kien li d-dokument[1] li bih inbdew il-proceduri kriminali kien difettuz ghaliex fih m'hemm l-ebda indikazzjoni ghall-gurnata u l-hin ta' meta sehhew ir-reati imputati lilu. Fis-sentenza l-qorti qalet:-

*"Illi l-akkuza tindika fejn sar ir-reat u fil-fatt mill-provi kollha prodotti jirrizulta li dak kien l-uniku post fejn sehhu r-reati meritu ta' dan l-appell. Jirrizulta li r-reati fuq il-minuri sehhew mhux f'gurnata u hin wiehed izda matul il-medda ta' perjodu ta' zmien u f'hinijiet differenti. Ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi l-akkuza ma setghetx tindika kull hin u kull data partikolari ghas-semplici fatt li dawk l-atti kienu saru fuq medda ta' zmien u f'hinijiet differenti. Wiehed ma ghandux ikun mistaghgeb u lanqas ma ghandna nippretendu li l-minuri jiftakar 'per filo e per segno' dak li jkun issubbixxa. Hawnhekk, ghandna ndikazzjoni ta' perjodu ta' zmien li ma giex specifikat bhala perjodu ta' zmien. Huwa minnu li l-incidenzi tad-drabbi differenti hargu mill-assjem tal-provi tal-istruttorja".*

Il-proceduri kriminali nbdew quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja. Proceduri jibdew permezz ta' rapport li ghandu jigi kkonfermat mill-ufficjali tal-Pulizija (Artikolu 390 tal-Kodici Kriminali). Ghalkemm fir-rapport m'hemmx data u hin ta' meta twettqu r-reati mputati lir-rikorrent pero' meta bdew jingabru l-provi rrizulta z-zmien meta twettqu r-reati. F'dan ir-rigward il-qorti taghmel riferenza ghall-istqarrija tar-rikorrent (5 ta' Lulju 2003), xiehda tal-vittma (seduta 16 ta' Lulju 2003). Meta xehedet il-vittma kienet cara li l-abbuz beda fis-sajf meta kellha 14 il-sena. Tat rendikont dettaljat u konsistenti ta' x'kien jaghmlilha missierha fid-drabi li abbuza minnha. Verzjoni li qatt ma giet kontradetta. Is-sejbien ta' htija tar-rikorrent ma kienx jiddependi mid-data u hin meta b'eghmil zieni kkorrompa lil bintu.

[1] Fir-rikors irrefera ghalih bhala citazzjoni.

Jirrizulta li meta xehedet il-vittma[2] kienu sarulha xi domandi in kontro-ezami. Id-difiza, kieku riedet, kellha kull opportunita' li taghmel domandi dwar il-perjodu li fih twettaq ir-reat li tieghu r-rikorrent instab hati.

Il-garanzija ghal smiegh xieraq skond l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jfisser li trid tezamina **b'mod generali** l-proceduri kriminali. Mill-atti jirrizulta li r-rikorrent kellu kull opportunita' li jressaq id-difiza tieghu. Proceduri li damu ftit iktar minn 10 snin[3]. Wiehed irid josserva kif kien biss waqt it-trattazzjoni finali li d-difiza argumentat li fir-rapport ma kienx gie ddikjarat id-data u l-hin meta sehhew ir-reati mputati lilu (seduta 21 ta' Mejju 2013). L-impressjoni li hadet il-qorti kienet li d-difiza kienet qeghda zzomm dan l-argument bhal *trump card*. Pero' l-affarijiet ma jsirux hekk u mbaghad id-difiza tipprova tiehu beneficcju min-nuqqas li titlob ghal iktar informazzjoni fil-kors tas-smiegh tal-provi.

Ghalkemm ir-rikorrent ilmenta wkoll li kien hemm nuqqas ta' *equality of arms* bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza, dan ma jirrizultax. Ir-rikorrent kien jaf tajjeb f'liema perjodu kien abbuza minn bintu. Hu stess ta stqarrija lill-pulizija fejn irrakkonta fatti li fir-realta fihom l-elementi tar-reat li tieghu nstab hati. Mid-domandi li sarulu waqt l-interogazzjoni kien jaf ukoll il-perjodu li fih kien qieghed jigi allegat li wettaq dan l-abbuz (ara per ezempju fol. 20 tal-proceduri kriminali). L-Artikolu 6(3)(a) tal-Konvenzjoni jezigi li persuna akkuzata b'reat:

*"be informed promptly, in a language which he understands and in detail, of the nature and cause of the accusation against him".*

L-ghan wara dan il-provvediment hu li l-akkuzat ikollu l-informazzjoni li hi mehtiega sabiex ikun jista' jiddefendi lilu nnifsu. Taghrif li r-rikorrent kellu; *"The 'nature' of the accusation is **the offence with which the accused is charged**"*[4] u *"The 'cause' of an accusation consists of **the acts he is alleged to have committed** and on which the accusation is based"'*[5]. Taghrif li r-rikorrent kellu sa mill-bidunett nett tal-process kriminali li beda bil-kumpilazzjoni. Hekk ukoll mid-domandi li sarulu mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz, kien evidenti wkoll x'kienu l-atti li kien qieghed jigi allegat li r-rikorrent wettaq fil-konfront ta' bintu.

Dak li nghad hawn fuq japplika wkoll ghall-ilmenti tar-rikorrent relatati mal-Artikoli 39(1) u 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni.

Fil-fehma tal-qorti r-rikors tar-rikorrent hu ghal kollox frivolu.

---

[2] 16 ta' Lulju 2003.
[3] M'hemmx inkluz il-perjodu li l-kaz kien qieghed jinstema' quddiem il-Qorti Kriminali.
[4] *Harris, O'Boyle & Warbrick, Law of the European Convention on Human Rights* (Oxford University Press, Tieni Edizzjoni, 2009), pagna 307.
[5] Ara pagna 308.

**Ghaldaqstant tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kollha kontra tieghu**.

Anthony Ellul.